MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Numru. 85/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Frank A. Tabone)**

**vs**

**Philip Azzopardi, ta' 42 sena, iben Emmanuel u Maria Stella nee' Vella, imwieled Kercem (Ghawdex) Malta, nhar is-26 ta' Marzu, 1967, residenti fil-fond Wembly Court. Flat 1, Triq is-Santwarju Puniku, Kercem, Ghawdex, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 8967(G);**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Angelus Said li gie akkuzat talli nhar it-23 ta' Settembru 2009, u fil-granet ta' qabel gewwa Kercem, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa Ghawdex, b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1) Talli: sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ghamel uzu min-numru tar-registrazzjoni ta’ vettura jaqra FAZ972;
2) U Talli: fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta’ taghrif falz billi ghamel uzu minn *road licence* F735524, tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAZ972;
3) U Talli: fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Yamaha 80 bin-numru tar-registrazzjoni FBA829 u bin-numru tac-chassis 1132841, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita’ Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura u b’hekk ma kienx kopert b’licenzja jew polza ta’ l-assikurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi persuni;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta’ Novembru, 2009;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien bizzejjed jirrikunsidra l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti sejra tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali nadifa tal-imputat u l-fatt illi l-imputat ikkollabora mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 188 u 189 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 3 Kap 104 u l-Artikolu 15(1) (a) (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza;

Inoltre l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------